**30 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Anthony Tabone et.

*versus*

Robert De Cesare pr. et. ne.

**Drittijiet ta' Awtur —Copyright — Stampatur — Impjegat — Copyright Act, 1911.**

*Il-vjolazzjoni tad-dritt tal-awtur tista' tkun diretta jew indiretta. Diretta hi dik meta jkun hemm eżerċizzju mhux awtorizzat da parti ta' persuna li ma tkunx proprijetarja tad-drittijiet li huma protetti mil-liġi. Indiretta hi dik konsistenti f'rapporti mhux awtorizzati ta' xogħolijiet li huma fihom innfishom vjolazzjonijiet diretti, jew importazzjonijiet mhux awtorizzati.*

*Fil-każ li wieħed jassumi li jikkompila publikazzjoni għal stampatur bi ħlas, u din il-publikazzjoni tiġi mqassma u publikata minn dak l-istampatur, il-vjolazzjoni tal-copyright, jekk ikun hemm din il-vjolazzjoni, hija kommessa mill-istampatur, u mhux mill-kompilatur ta' dik il-publikazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew li l-konvenut, fil-publikazzjoni tal-fuq imsemmi "Football Annual" (Season 1959-60), ivvijola, fil-paġni 121, 128, 135. 136 u 137 tal-istess publikazzjoni, id-drittijiet ta' esklużività lilhom pertinenti bħala fotografi fit-termini tal-"Copyright Act 1911"; talbu, prevja għall-bżonn id-dikjarazzjoni li b'hekk l-istess konvenut irrenda ruħu responsabbli għad-danni skond id-dispożizzjonijiet tal-fuq imsemmi "Copyright Act. 1911", u premessa kull dikjarazzjoni oħra meħtieġa, u mogħti kull provvediment relattiv, illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilhom, b'titolu ta' danni skond id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi "Copyright Act", għal kull vjolazzjoni minnu kommessa, dik is-somma li tiġi likwidata. Bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta;

Preliminarment, illi l-azzjoni ġiet meħuda ħażin kontra tiegħu. billi l-"act of publication", li seta' talvolta kiser il-"copyright" tal-atturi, mhux tiegħu, imma tal-"Progress Press Company Limited", u kwindi d-domanda tal-atturi, in kwantu diretta kontra tiegħu, għandha tiġi miċħuda; bl-ispejjeż;

Fil-meritu, illi hu kien in perfetta bwona fede meta għażel ir-ritratti għall-publikazzjoni fil-"Football Annual" fuq imsemmi, u ma kienx jaf, u ma kellux raġuni jaħseb, li kien hemm "copyright" tal-atturi, kif dawn jippretendu u salva l-prova ta' dan, jew ta' xi ħadd minnhom; u kwindi, fit-termini tal-art. 8 tal-"Copyright Act. 1911" (applikabbli għal Malta in forza tal-Proklama tat-28 ta' Ġunju 1912) l-

atturi ma għandhomx dritt għal danni kontra tiegħu; u anki għal din ir-raġuni, kwindi, id-domanda tagħhom għandha tiġi respinta; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra, dwar l-eċċezzjoni preliminari;

L-atturi jippretendu li ġie vjolat il-"copyright" tagħhom bil-publikazzjoni tal-fotografiji fil-paġni 121, 128, 135, 136 u 137 tal-"Football Annual" fuq imsemmi;

Skond il-liġi ("Copyright Act, 1911"), billi l-"Copyright Act, 1956," li abroga l-"Copyright Act, 1911", mhux estiż għal Malta, u allura, la darba l-Att tal-1911 kien jifforma parti mil-Liġijiet ta' Malta, skond l-istess Att tal-1956 għandu jitqies li ma ġiex abrogat għal Malta sakemm jibqa' jifforma parti mil-Liġijiet tagħha. id-dritt tal-awtur, jiġifieri "copyright" — u hawn qiegħed jingħad dak li għandu x'jaqsam ma' xogħolijiet artistiċi in partikulari ma' fotografiji, għaliex lil dawn jirrigwarda l-każ li l-Qorti għandha quddiemha — hu d-dritt esklużiv tal-produzzjoni jew riproduzzjoni ta' xogħol jew ta' parti sostanzjali minnu f'kull forma materjali, u, jekk ix-xogħol mhux publikat, tal-publikazzjoni ta' dak ix-xogħol jew ta' kull parti sostanzjali minnu. u tal-awtorizzazzjoni għal kull wieħed mill-attijiet imsemmija; u l-publikazzjoni tfisser l-emissjoni ta' kopji tax-xogħol lill-publiku. imma ma tinkludix l-eżibizzjoni fil-publiku ta' xogħol artistiku; iżda l-emissjoni ta' fotografiji ta' xogħolijiet ta' skultura u ta' xogħolijiet arkitettoniċi artistiċi mhix kunsidrata publikazzjoni ta' dawk ix-xogħolijiet;

Skond l-istess liġi, il-vjolazzjoni tad-dritt tal-awtur tista' tkun jew diretta jew indiretta. Diretta hi dik meta ikun hemm eżerċizzju mhux awtorizzat da parti ta' persuna li ma tkunx il-proprjetarja tad-drittijiet li huma protetti mill-liġi; indiretta hi dik konsistenti f'rapporti mhux awtorizzati ta' xogħolijiet li huma fihom innifishom vjolazzjonijiet diretti jew importazzjonijiet mhux awtorizzati;

In kwantu għall-vjolazzjoni diretta id-dritt tal-"copy-

right" — salvo l-kondizzjonijiet riferiti fl-istess liġi — hu vjolat minn kull persuna li mingħajr il-kunsens tal-proprijetarju tal-"copyright" tagħmel xi ħaġa li d-dritt esklużiv li jagħmilha hu, in forza tal-liġi, konferit fuq il-proprijetarju tal-"copyright";

In kwantu għall-vjolazzjoni ndiretta, il-"copyright" f'xogħol hu vjolat minn kull persuna li tbiegħ jew tikri, jew b'kummerċ tesponi, jew toffri għall-bejgħ jew għall-kiri, jew tiddistribwixxi għal skopijiet ta' kummerċ, jew sa dak il-punt li taffetta bi preġudizzju l-proprijetarju tal-"copyright", jew b'kummerċ teżibixxi fil-publiku, jew timporta għall-bejgħ jew għall-kiri, f'kull parti tad-Dominji tal-Maestà Tagħha li għalihom il-liġi testendi, kull xogħol li, per kwantu jkun a konjizzjoni tagħhom, jivvijola "copyright" jew ikun jivvijola "copyright" kieku sar entro dik il-parti tad-Dominju tal-Maestà Tagħha li fiha jew għal ġo fiha l-bejgħ jew il-kiri, l-espożizzjoni, l-offerta għall-bejgħ jew għall-kiri, id-distribuzzjoni, l-eżibizzjoni jew l-importazzjoni tkun saret;

Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha ġara, kif irriżulta mill-provi, li l-konvenut, ċirka tnax il-sena ilu, ġie avviċinat mill-Kaptan Agius, fil-vesti ta' Direttur tal-"Progress Press", u mistoqsi jekk riedx jikkompila kull sena in konsiderazzjoni tal-ħlas ta' £30 fis-sena, li mbagħad ġie awmentat għal £50, il-"Football Annual" fuq imsemmi, biex dan jiġi stampat fil, u publikat mill-"Progress Press", u hu aċċetta; u minn allura beda u baqa' kull sena jieħu ħsieb biss tal-kumpilazzjoni ta' dak l-"Annual", li jiġi stampat fl-istamperija fuq indikata, u minnha publikat u mqassam, kif jidher mill-istess kopertina bil-prezz ta' 1s. 6d. il-kopja, u l-konvenut ma jindaħal f'xejn aktar in rigward tal-istess "Annual", u ma jirċievi ebda ntroitu ieħor ħlief il-ħlas fuq imsemmi għall-kumpilazzjoni tiegħu;

Skond dak li ntqal kwindi, il-konvenut ma kkommettiex vjolazzjoni ta' "copyright", la diretta u lanqas indiretta, għaliex ma għamelx ħlief li ppresta l-opera tiegħu bħala mpjegat, anzi aħjar bħala "kommess" tal-"Progress Press", li sserviet bl-opera tiegħu biex jirrakkolji l-materjal varju li jikkomponi l-"Annual"; u allura l-vjolazzjoni, jekk kien

hemm vjo'azzjoni, għaliex fuq dan il-Qorti mhix qegħdha tesprimi ruħha, billi mhix qegħdha tikkunsidra l-meritu tal-kawża, hi da parti tal-"Progress Press";

Riferibbilment għall-ispejjeż tal-ġudizzju, hu xieraq li jsir l-infraskritt temperament, billi jirriżulta illi, meta, qabel ma bdiet il-kawża, il-konsulent legali tal-atturi kellem lill-konvenut fuq il-pretensjoni tal-istess atturi, il-konvenut ma spjegalux kif kienu l-fatti, anzi forsi bil-kliem li qallu seta' saħħaħlu l-ħsieb li forsi seta' kien għamel bil-qari ta' dak li hemm miktub fuq il-kopertina tal-istess "Annual", jiġifieri li kien il-konvenut li kkommetta l-"pretiża" vjolazzjoni;

Għaldaqstant;

Tilqa' l-eċċezzjoni u tirrespinġi t-talba tal-atturi, salva favur tagħhom kull azzjoni oħra kontra min jekk, u skond il-liġi. L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas minn għand l-atturi.